MICHAEL**FALZON** www.falzonmichael.com

b'esperjenza u lealtà - **flimkien** lejn is-suċċess

# Il-Programm tiegħi għall-Partit Laburista

## Mejju 2008

## Introduzzjoni

Wara din l-introduzzjoni qasira għandek issib dak li jiena nemmen illi għandu jkun il-programm tal-Partit għaż-żmien li ġej.

Jekk inti delegat/a, jew partitarju tal-Partit Laburista, dan il-programm hu tiegħek daqs kemm hu tiegħi.

Għalkemm, ovvjament, kelli u għad għandi ħafna u ħafna ideat oħrajn għall-Partit, kif għidt sa mill-bidu nett, ma nemminx illi Mexxej għandu jimponi jew jipprova jiddetta l-ideat tiegħu fuq il-Partit, mingħajr konsultazzjoni adegwata.

Dan il-programm qed nippreżentah illum, is-Sibt, 17 ta' Mejju 2008, wara li ltqajt ma' kważi d-delegati kollha tal-Partit u ma' għadd kbir ukoll ta' tesserati Laburisti.

Mhux biss iltqajna, iżda aktar importanti minn hekk, smajna u tajna każ xulxin.

Dan il-programm hu tagħna lkoll. Dan il-programm għamilnieh flimkien.

Programm li jħares 'il quddiem, li għandu viżjoni pożittiva, u li hu ntiż li jwassal messaġġ Laburista pożittiv. Programm li rridu nwettquh flimkien u li għandu jwassal mhux biss għal Partit Laburista aktar b'saħħtu, aktar relevanti u aħjar minn dak li hu llum; iżda li għandu jwassal ukoll, għal Gvern Laburista mill-aktar fis possibbli.

Meta jseħħ dak, inkunu wkoll irbaħna **Flimkien**.

Is-Sliem.



**Partit Xellugi**

- Nagħmel stqarrija ċara li aħna Partit Xellugi, Demokratiku u Laburista. Aħna Partit b'ruħ soċjali, Partit differenti u Partit aħjar. Il-valuri tagħna kburin bihom.

- Jiena rrid Partit kburi bl-istorja tiegħu, iżda mhux supperv, anzi umli. Il-Partit għandu jkun kburi bil-kisbiet li għamel għall-poplu Malti u Għawdxi fil-passat. Nassigura li jingħata iktar spazju għall-istorja tal-Partit, illi bdiet kważi 90 sena ilu. Is-sens ta' kontinwità hu essenzjali għalina bħala Partit.

**Partit Ewropew**

- Bħala Partit membru tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej, li ġej minn pajjiż li huwa membru sħiħ fl-Unjoni Ewropea, rridu nassiguraw illi nsaħħu r-relazzjonijiet u l-preżenza tagħna, f'istituzzjonijiet u għaqdiet Ewropej; kemm bħala Partit u kemm bħala Pajjiż. Irridu nassiguraw ukoll illi, sew bħala Partit, kif ukoll bħala Pajjiż, nagħmlu minn din is-sħubija, l-akbar suċċess possibbli.

**Partit favur l-Ambjent**

- Irridu nkunu minn ta' quddiem nett bħala Partit favur l-użu ta' teknoloġija ġdida mmirata lejn l-użu aħjar u aktar effiċjenti ta' l-enerġija li tħares l-ambjent. Dan isir sewwa fejn jidħlu ċ-Ċentri tal-Partit, kif ukoll bħala politika nazzjonali.

## Il-Partit Laburista jrid ikun iktar pożittiv, inklussiv, u qrib in-nies

**Pożittiv**

- Il-Partit għandu jkollu viżjoni pożittiva. Il-messaġġ tagħna bħala Partit irid ikun messaġġ pożittiv. Il-viżjoni tagħna trid tkun waħda ta' suċċess. L-għan taghna jrid ikun ta' Partit rebbieħ u li fih nirbħu **flimkien**.

**Inklussiv**

- Il-Partit Laburista irid ikun Partit miftuħ għal Maltin u Għawdxin ta' kull età, kemm jekk żgħażagħ, mezz'età, jew anzjani. Irid ikun miftuħ ukoll għal kull stat soċjali, nkluż il-gradwati u l-professjonisti.

- Il-Partit irid ikollu post għal kulħadd, anke għal min telaq. Kulħadd irid isib postu lura, dejjem skond il-bżonn tal-Partit.

- Il-Partit irid jattira u jżomm fih l-aħjar imħuħ tal-Pajjiż.

- Il-Partit irid jaċċetta l-pluraliżmu ta' ideat fi ħdanu. Kritika kostruttiva tkun inkoraġġita u milqugħa. Tispiċċa l-mentalità li tnejn li ma jaqblux huma bilfors "kontra xulxin", meta fil-fatt dan ifisser biss, iktar ideat differenti.

- Ħadd ma hu "tal-Leader". Il-Leader hu tal-Partit u kulħadd irid iħossu li hu tal-Partit. Kull min huwa attivist u partitarju fil-Partit Laburista għandu jħoss li l-Partit huwa tiegħu/tagħha, u jħoss li għandu wkoll sehem fil-ħidma u s-suċċessi tiegħu.

**Iktar miftuħ**

- Irridu nsiru Partit aktar miftuħ u relevanti għal kulħadd. Ma għandu jkun hemm xejn illi jżommna milli nilħqu lil kull kategorija fis-soċjetà Maltija – nklużi studenti universitarji, gradwati, negozjanti, professjonisti, etċ.

- Il-Partit irid ikun dejjem aktar aċċessibbli, sew għall-kumitati u l-fergħat tiegħu, kif ukoll għat-tesserati u għall-pubbliku in ġenerali.

Dan għandu jsir anke permezz tat-twaqqif ta' strutturi li jkunu mmirati preċiżament biex joffru servizz ta' *customer care*.

**Qrib in-nies**

Il-Partit għandu bżonn jibqa' dejjem viċin tan-nies. Għalhekk:

- Isiru żjarat *door-to-door* b'mod organizzat, li jilħaq l-ikbar numru ta' nies possibbli
- Il-*policies* ikunu mfasslin b'mod li jinvolvu l-ikbar ammont ta' nies possibbli u jkunu mmirati għall-bżonnijiet tan-nies.
- Jinżamm kuntatt regolari, miftuħ u reċiproku ma' l-elettorat.

**Djalogu Soċjali**

- Bħala Partit nibqgħu dejjem kommessi li nsaħħu d-djalogu ma' l-Imsieħba Soċjali u ma' dawk kollha, huma min huma, u huma fejn huma, li b'xi mod jew ieħor, jikkontribwixxu u jixtiequ l-ġid tas-Soċjetà Maltija.
- Mhux biss nisimgħu, iżda, aktar minn hekk, nibqgħu dejjem kommessi li nagħtu każ lil dawk li nisimgħu. Li tisma' biss mhux biżżejjed.

## Statut

- Isir eżerċizzju komprensiv sabiex jiġi rivedut u aġġornat l-Istatut tal-Partit Laburista, ħalli dan isir aktar effettiv u relevanti għall-bżonnijiet tal-Partit Laburista, fiż-żminijiet tal-lum.
- Dan l-eżerċizzju għandu jinbeda wara l-għażla tat-tmexxija u l-ewwel abbozz għandu jkun lest sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena 2008 u jitpoġġa għall-approvazzjoni tal-Konferenza Ġenerali Annwali, f'Jannar 2009. Dan isir bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-kumitati lokali, distrettwali u tesserati.

## Sħubija

- Tinbidel is-sistema preżenti tas-Sħubija fil-Partit Laburista. Dan sabiex:-
  - Jissieħbu aktar membri;
  - Is-sistema taħdem aħjar;
  - Jiġu ntrodotti skemi ta' inċentivi għas-sħubija.

## Proċess Elettorali

- Jiġi assigurat illi l-istrutturi illi għandu llum il-Partit, fejn tidħol l-organizzazzjoni tal-proċess elettorali, jibqgħu mhux biss effiċjenti; kif inhuma llum; iżda jiġu msaħħin sabiex isiru aktar effettivi.

## Komunikazzjoni u Strutturi

### Komunikazzjoni

- Hemm bżonn ta' ko-ordinazzjoni u komunikazzjoni diretta u effettiva fil-Partit:
  a. Miċ-Ċentru Nazzjonali Laburista lejn il-Kumitati Lokali, Kumitati Distrettwali, u Membri Tesserati
  b. Mill-Membri Tesserati, Kumitati Lokali, u Kumitati Distrettwali lejn iċ-Ċentru Nazzjonali Laburista
  c. Bejn/mal-Fergħat u Sezzjonijiet tal-Partit.

### Kandidatura

- Issir enfasi biex insaħħu l-kandidatura tagħna, sew fuq bażi nazzjonali kif ukoll fuq bażi lokali. L-aspett ta' taħriġ u ko-ordinazzjoni f'din il-ħidma jingħata attenzjoni speċjali u mistħoqqa. Kull kandidat għandu jħossu li jifforma parti minn *team* wieħed, fejn kulħadd għandu r-rwol tiegħu.

### Familja waħda Laburista

- Isir kull sforz, biex kull min hu fil-Partit iħossu li jifforma parti minn *team* wieħed – il-familja Laburista. Għal dan il-għan jiġu organizzati okkażjonijiet bħal kungressi, seminars, laqgħat etċ, illi jservu sabiex jissaħħaħ l-ispirtu ta' *team* wieħed.
- Il-Partit għandu jikkonsidra illi perjodikament jorganizza laqgħat interni għad-delegati u għall-fergħat u s-sezzjonijiet tiegħu, li fihom tkun tista' ssir diskussjoni mill-aktar miftuħa, liema diskussjoni iżda tinżamm fuq bażi interna.
- Iċ-Ċentri Laburisti jsiru iktar akkoljenti.

### Tisħieħ fl-istrutturi tal-Partit – Kunsilli Lokali

- Il-Partit irid isaħħaħ l-organizzazzjoni u l-istrutturi fi ħdanu, sabiex jipprovdi aħjar għall-bżonnijiet tal-Kunsilliera u Sindki Laburisti. Għandu wkoll jiġi evalwat ir-rwol ta' l-istess Kunsilli Lokali, anke forsi fid-dawl ta' emendi legali li jistgħu jsiru.

## Għawdex

- Tingħata attenzjoni speċjali lil Għawdex, bħala reġjun, anke fuq bażi ta' Partit.
- Tinħoloq sistema għall-kordinament tal-ħidma tal-Partit fil-gżira Għawdxija, fosthom permezz ta' ufficċju fiċ-ĊNL, għall-użu ta' Membri Parlamentari u uffiċjali Għawdxin.
- Jiġi assigurat illi l-membri ta' l-Amministrazzjoni tal-Partit, ikollhom preżenza regolari f'Għawdex.
- Isir kull sforz sabiex jiġi assigurat illi l-attivisti Għawdxin iħossuhom fil-qalba u fiċ-ċentru tal-ħidma tal-Partit.

## Finanzi

- Tingħata attenzjoni speċjali għall-Finanzi tal-Partit.
- Isir ftehim fuq liġi li titkellem dwar il-finanzjament tal-Partiti – anki b'għajnuna mill-Istat.
- Tingħata importanza lil sistemi ġodda ta' kif jinġabru l-finanzi tal-Partit, fosthom anke possibilment bil-ħolqien ta' attivitajiet kummerċjali ġodda.
- Isir kull sforz possibbli sabiex is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Partit tiġi mtejba.

## Media tal-Partit

- Hemm bżonn ta' tisħieħ ġenerali fil-media tal-Partit:
    - Jinstab bilanċ aħjar bejn l-aspetti kummerċjali u politiċi ta' One TV.
    - Jinbidel ir-rwol ta' Super One Radio sabiex dan jattira firxa iktar wiesa' ta' semmiegħa.
    - Il-gazzetta "Kulħadd" trid issir aktar attraenti u effettiva, u tattira aktar qarrejja.
    - Tiġi evalwata l-possibilità illi l-Partit iwassal leħnu anke bl-Ingliż.
    - Il-"Maltastar" ssir aktar iffukata fil-messaġġ tagħha.

- Isir użu aħjar mill-media tal-Partit, anke fejn tidħol il-parteċipazzjoni fuq l-istess media tal-Partit, tad-diversi fergħat ta' l-istess Partit Laburista; nkluż il-kandidati u l-Membri Parlamentari.
- Fl-istess waqt, il-Partit Laburista jrid jassigura illi ma jitlef l-ebda opportunità sabiex isemma' leħnu, fuq media li mhix tiegħu.

**Teknoloġija ta' l-Informazzjoni (ICT)**

- Isir użu aħjar u aktar wiesgħa tat-teknoloġija:-
  - Issir sistema ta' sħubija *online* u *upgrading* estensiv tas-sistema tal-kompjuters taċ-ĊNL.
  - Jsir użu aħjar ta' Internet, *websites*, *social networks,* etċ.
  - Isir networking bejn iċ-ĊNL u ċ-Ċentri Lokali.
  - Jiġi assigurat illi l-Partit jibqa' jżomm ruħu kontinwament aġġornat f'dan il-qasam, permezz ta' taħriġ professjonali u regolari, għal min jieħu ħsieb u juża dawn is-sistemi.

**Taħriġ u speċjalizzazzjoni**

- Trid tiddaħħal kullimkien mentalità favur it-taħriġ, minn fuq nett sa isfel, dejjem skond il-każ.
- Irid ikun hemm ukoll nies u mezzi professjonali, f'diversi oqsma fosthom:-
  - Finanzi;
  - *Campaigning*;
  - Tħejjija ta' strateġiji politiċi; u
  - *Policy-making*; u dana fost oqsma oħrajn.

## Michael Falzon bħala Mexxej Laburista

Kif għamilt f'dawn l-aħħar 16-il sena ta' ħidma politika tiegħi fuq bażi ċentrali fil-Partit Laburista, nassigura li nibqa' aċċessibbli.

L-għan tiegħi hu li nkun il-"Mexxej" tal-Partit, jiġifieri dak li jimxi fuq quddiem u jispira lill-oħrajn jimxu warajh; u mhux il-"Kap" tiegħu, illi b'xi mod iħossu illi qiegħed 'il fuq mill-oħrajn.

B'hekk il-Partit Laburista jkun f'pożizzjoni tajba li jerġa' jirbaħ il-Gvern mill-iktar fis possibbli.



w w w . f a l z o n m i c h a e l . c o m
y o u r o p i n i o n @ f a l z o n m i c h a e l . c o m
M o b i l e : 7 9 5 2 2 6 8 7